Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 25 – It-Tlieta 28 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kelllu mal-LESA. Huwa rrefera għall-fatt li mil-lum 'l quddiem nistgħu nibdew ngħaddu r-ritratti ta' abbuzi lilhom u jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet. Huwa semma' wkoll il-possibilita' li ssir *camera* ġo karozza li tista titħalla pparkjata f'postijiet suspettużi għal xi illegalita' u r-ritratti wkoll jiġu mgħoddija għand il-LESA għaċ-ċitazzjonijiet. Is-Segretarja kisbet stima ta' *camera* li qed tintuza għal din is-sistema minn xi Kunsilli oħra f'Malta. Il-camera tiswa €222. Il-Kunsill qabel li għandu jixtriha u wkoll jixtri karozza *second-hand* għall-prezz ta' anqas minn €500 u jinstalla din il-camera ġo fiha. Is-Sindku semma' wkoll li l-permessi tal-cranes għandhom jintbgħatu kuljum biex il-LESA tkun tista tibgħat gwardjani lokali jispezzjonaw il-permess. Is-Sindku semma' li

dawn ser jagħmlu laqgħa magħna fil-ġranet li ġejjin sabiex invaraw dawn il-miżuri.

3.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Lynn Spiteri tal-MEUSAC rigward il-possibilita' li l-Kunsill tagħna flimkien ma' dak tal-Għarb u pajjiżi oħra taħt il-proġett Network for Towns. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'dan il-proġett.

3.3 Is-Sindku rrefera għall-ilmenti mingħand ir-residenti ta' Triq Hamri għall-permessi li qed jinħarrġu għall-użu ta' *crane* mill-Grand Hotel għall-estenzjoni tal-bini tal-lukanda. Saret referenza għall-fatt li l-petizzjoni ntbagħtet lil Building Regulations Office. Minn naħa tagħhom dawn ġew għamlu spezzjoni u ma sabu l-ebda llegalita'.

3.4 Is-Sindku rrefera għall-proġett tat-taraġ tal-mosaic u għat-tqegħid tiegħu. Huwa semma' li bħala *railing* diġa jeżisti iżda ta' min inbidlulu l-*align keys* u nagħtuh żebħa biex jingħata dehra totalment differenti. Saret referenza għal pjan provdut mill-Perit. Is-Sindku propona li jsiru daqs żewġ piedi minn kull naħa biċ-ċagħaq u jsiru xi pots fuqhom. Sar qbil ukoll li għandna niċċekjaw kemm tiġina jekk il-parti tan-nofs nagħmluha bil-printed concrete biex ikollna proġett ħolistiku. Ser jitwaħħlu wkoll żewġ *informative signs.*

## 4.0 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex inkomplu naghmlu l-pressjoni taghna li sakemm napplikaw ghall-progett ta' Triq il-Brieghen u Sant'Eliju u jitwettaq dan il-progett, dawn it-toroq jitwittew ftit permezz ta' torba. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lid-Direttur Mark Formosa sabiex permezz ta' gaffa nnaddfu l-ġnub ta' Triq il-Briegħen u Triq Sant'Eliju u jitwittew permezz ta' romblu.

4.2 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għall-passaġġ ta' Triq iż-Żewwieqa li dak ilu passaġġ ghal snin twal. Is-Sindku fil-fatt irrefera għal fatt li rnexxielu jsib xi evidenza mingħand il-Perit Carmelo Borg dwar dan u akkwistajna pjanta antika fejn hemm indikat dan il-passaġġ. Sar qbil li jekk hemm bżonn issir petizzjoni li xi darba hemmhekk kien hemm passaġġ.

4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-periklu li fiha x-xmara t'Ta' Passi u huwa talab li sabiex inneħħu l-periklu jinħtieġ li jew titbattal jew inkellha jingħalaq l-aċċess għal periklu. Huwa rrefera wkoll għal fatt li f'Ġunju nirċievu nota mid-Dipartiment tas-Saħħa biex inbattlu l-għadajjar u għalhekk ta' min iqis il-periklu li hemm u titbattal issa. Sar qbil li għandna nagħlqu l-aċċess b'xi plastic biex nevitaw li titbattal biex jiġi salvat il-plastic ta l-istess xmara.

4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab ukoll sabiex inkomplu malajr kemm jista jkun bil-process tal-applikazzjoni ghall-progett tal-irrangar tal-Playing Field Amabile Cauchi u dak tal-Gudja minhabba l-istat li jinsabu fih. Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Perit Godwin Sultana tqabbad mill-Kunsill u qed jipprepara xi pjan għall-Playing Field Amabile Cauchi b'aktar open spaces. Is-Sindku semma' wkoll li għandu l-pjan li jiġi nkluż wkoll *outdoor gym* ġo fih. Sar qbil li għandna nġagħlu lill-Perit jħaffef ftit il-proċess u l-proġett jista jsir f'fażi għalkemm l-akbar spiża tibqa l-ġibjun tal-ilma li jinħtieġ jinbena taħt.

4.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrimarka għal fatt kif għall-Olimpiadi della Cultura li jsiru f'Tolfa qatt ma tela' grupp minn Għajnsielem. It-twegiba kienet li l-gruppi jkunu mill-Italja biss.

## 5.0 Korrispondenza u Rapporti

5.1 Ġiet trattata l-email fejn tipproponi l-introduzzjoni ta' Home Water Treatment system. Il-Kunsill qabel li tidher li hi sistema tajba iżda jixtieq aktar informazzjoni biex jara jekk hix *worthed* li titħaddem.

5.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand Heritage Malta rigward l-introduzzjoni tal-Mużew t'Għawdex u fejn jixtiequ li jiġu nominati xi persuni minn Għajnsielem li jgħinu fil-ġbir ta' informazzjoni dwar Għajnsielem. Sar qbil li għandna ninnominaw lil Francis Cauchi, Ġużeppi Caruana, Joe Xuereb u Ġużeppi Cauchi.

5.3 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Għaqda Drammatika biex il-Kunsill joffri l-għajnuna tiegħu fil-produzzjoni tal-pagaent tal-passjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin billi jipprovdi d-dawl meħtieġ u jsellifhom il-PA system tal-Kunsill.

5.4 Saret referenza għall-emails irċevuti mingħand l-Enemalta rigward il-konsum tal-Smart Meter li hemm fi Pjazza 10 ta' Diċembru. Skond ir-rapport tal-Enemalta, l-smart meter ma kienx qed jaqra readings u l-kontijiet kienu qed joħorgu b'estimate. Fil-fatt f'Novembru 2016 sar il-qari ta' dan il-meter u għalhekk ħareġ kont sħiħ li jkopri erba' snin sħaħ minn kemm ilu mwaħħal il-meter. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jistenna r-rapport tal-Inġinier u naraw x'ser jirriżulta.

5.5 Ġiet trattata l-email mingħand Transport Malta rigward ordni mill-Qorti biex jitneħħew oġġetti ta' żgombru mill-Imġarr. Skond il-Liġi kwotata minnhom huwa l-obbligu tal-Kunsill u tal-Pulizija li jitneħħa dan l-iżgombru. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill mhumiex mgħammar biex jieħu din l-azzjoni u jippretendi li għandhom ikunu l-pulizija u jagħmlu l-ewwel intervent.

5.6 Saret referenza għas-site inspection li saret mill-Perit Shawn Micalllef fi Triq il-Ġnien rigward il-ħtieġa ta' tbaxxija ta' bankina. Huwa propona li l-bankina għandha titqaxxar u jsir il-madum peress li ma tistax titbaxxa minħabba xi kanen tal-ilma.

5.7 Ġiet trattata l-email mingħand l-Għaqda 13 ta' Ġunju fejn talbu lill-Kunsill sabiex jgħinhom fil-produzzjoni tal-Mejda tal-Appostli. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatjahom u jara x'għandhom bżonn forsi jista jgħinhom b'xi mod.

5.8 Ġiet trattata l-email mingħand Bjorn Farrugia dwar il-Kampanja ta' ġbir għal kampanja ta' bini tad-dar għall-morda bl-ALS. Il-Kunsill qabel li aktar jaqbel li jorganizza xi attivita' u l-qliegħ imur għal dan il-għan milli jagħti donazzjoni diretta.

5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand Jessica Mercieca għal bozza ġdida fi Triq Anton Maria Cesal. Sar qbil li din il-bozza tinsab pendenti fuq il-lista.

5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand Joanne Attard sabiex issir *protective barrier* li tinqala' quddiem il-ħanut *stationery* tagħha fi Triq J F de Chambray. Sar qbil li din għandha ssir.

5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand Paul Mallia sabiex issir bankina fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmilha bil-ħaddiema tiegħu.

5.12 Ġie trattat l-ilment mingħand Teddie Portelli sabiex jiġi estiż il-water culvert li hemm fi Triq Wied ir-Rgħajjes peress li qed jinżel ħafna ilma f'dawk l-inħawi. Sar qbil li għandna nivverifikaw dan l-iment u naraw x'jista jsir.

5.13 Is-Sindku Franco Ciangura irrefera għall-ħtieġa tal-irrangar ta' cement ta' madwar il-grada ħdejn l-ispiżerija fi Pjazza Indipendenza. Sar qbil li dan ix-xoghol għandu jsir.

5.14 Is-Sindku għamel referenza mill-ġdid għall-post bl-aċċess miftuh li jinsab fi Triq Ġużeppi Cali u li jista jkun attrazzjoni għal xi serq. Sar qbil li għandna nerġgħu nibgħatu lis-Supretendent tal-Pulizija u lil LESA biex jagħmlu infurzar u dan il-post jingħalaq biex jinqata l-abbuż.

5.15 Is-Sindku rrefera wkoll għat-tmexxija tal-Bus Stop fi Triq Borg Għarib ftit il-fuq. Hekk ġiet takkommoda aktar lin-nies ta' Triq Bengħazi filwaqt li r-residenti ta' Triq Borg Għarib jinsabu moqdijin minn dik li hemm fil-bidu ta' Triq Simirat.

5.16 Is-Sindku rrefera wkoll għall-problema li qed tinħoloq fil-bidu ta' Triq il-Ġnien fejn giet introdotta l-Bus Stop il-ġdida. Is-Sid tar-residenza tal-faċċata qed jitlob sabiex isiru *double-yellow lines* biex ma jipparkja ħadd għax qed jinħoloq periklu meta tieqaf x-xarabank. Sar qbil li għandna niċċekjaw ma' Transport Malta dwar x'jinħtieġ li jsir.

5.17 Is-Sindku rrefera għall-problema li qed tinħoloq permezz ta' pparkjar fit-tarf ta' Triq Benghazi peress li t-Triq hija dejqa ħafna. Sar qbil li għandna nitolbu lill-Transport Malta sabiex nagħmlu *double-yellow lines* mal-kantuniera kollha.

5.18 Is-Sindku rrefera għall-*shelter* tal-gwerra li hemm fi Triq l-Imgarr kantuniera ma' ħdejn il-gabbana Fuli Kiosk. Huwa propona li għandna nitolbu lid-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp jekk il-Kunsill jistax inaddfu u jużah bħala attrazzjoni.

5.19 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-fatt li lill-ħaddiem Frankie Saliba qed inħaddmuh hafna fil-weekends u f'ħinijiet skomdi. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li għandu jingħata bonus ta' €300 kull tlett xhur bħala *disturbance allowance.*

5.20 Is-Segretarja preżentat il-proposti għall-Traffic Management għat-toroq Bengħazi, Xprunara u Cordina kif preparati mill-Perit Edward Scerri. Il-Kunsill qabel mal-proposti u sar qbil li dawn għandhom jintbgħatu lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

**6.0 Ħruġ ta' Offerta għall- Minibus tal-electric**

6.1 Il-Kunsill qabel li għandu jipprepara t-tender documents għax-xiri ta' minibus tal-elettriku bbażżati fuq mudell li jidher ukoll aċċessibli għall-*wheel chair*. Sar qbil li għandna nikkordinaw dan il-ħruġ tad-dokumenti kemm jista jkun malajr.

**7.0 Ħruġ ta' offerta għall-Knis tat-toroq**

7.1 Sar qbil li għandu jiġi ppublikat t-tender tal-Knis tat-Toroq u jiġi bbażat fuq it-tender l-antik.

**8.0 Manutenzjoni tal-Pjazza tad-Dehra**

8.1 Saret referenza għall-fatt li l-Pjazza tad-Dehra, s'issa kienet koperta b'kuntratt għall-manutenzjoni tat-turf u tal-pjanti. Peress li dan il-kuntratt kien ta' spiża kbira fuq il-Kunsill, il-Kunsill qabel li għandu jipprova jieħu ħsieb din il-pjazza permezz tal-ġardinar tal-Kunsill u li għandu jinxtara *lawn mower*.

**9.0 Għeluq tal-Offerta tar-Resurfacing ta' Triq Hamri u Żewwieqa**

9.1 Is-Segretarja spjegat kif l-offerta għar-resurfacing ta' Triq Hamri u Triq iż-Żewwieqa ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu. Sar qbil li bħala Opening Staff jiġu maħtura s-Sindku Franco Ciangura u l-Kunsilliera Karen Xuereb. Il-Kunsill qabel li bħala Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost mil-kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman, mill-Perit Godwin Sultana, is-Sur William Sultana, is-Sur Mark Attard, u mis-Segretarja Lucienne Haber.

9.2 Sar qbil ukoll li għandha tintbgħat *reminder* lid-Dipartimenti u Korporazzjoniet kollha tas-servizzi sabiex jekk għandu jsir xi xogħol ta' tqattiegħ isir issa qabel ma l-Kunsill jipproċedi bix-xogħolijiet tiegħu.

## 10.0 Ħarġa għall-Anzjani

10.1 Sar qbil li għandha tiġi organizzata ħarġa oħra għall-anzjani matul l-aħħar ġimgħatejn ta' Marzu. Sar qbil li għandna neħduhom jisimgħu quddiesa Ta' Pinu, jaraw l-*Interpretation Centre* tad-Dwejra u jilgħabu tombla u ikel f'*restaurant*.

10.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll t-talba ta' bosta anzjani sabiex tiġi organizzata safra għall-anzjani fl-Italja jew Sqallija. Il-Kunsill qabel li għandu jibda jippjana sabiex jorganizza safra f'Settembru fl-Italja u fost il-postijiet iżur l-belt ta' Assisi, Loretu u Ruma. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Marion Pulvano Guelfi biex tkun hi bħala Tour Leader u torganizzalna s-safra.

## 11.0 Korsijiet Lifelong Learning

11.1 Is-Segretarja rreferiet għal-laqgħa li kellha ma' uffiċjal rigward din il-possibilita' ta' korsijiet taħt l-iskema Lifelong Learning li jibdew minn Ottubru. Hija semmiet li l-lista tal-korsijiet il-ġodda ser titħabbar fil-jiem li ġejjin u li l-Kunsill jista japplika mar-Reġjun Għawdex sabiex jagħżel liema korsijiet jixtieq itellgħa fil-lokalita' tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex ikun jista jorganizza sensiela ta' Korsijiet.

11.2 Rigward il-Kors tal-Keep Fit, is-Sindku rrefera li kemm hu kif ukoll is-Segretarja ltaqgħa mas-Sur Angie Bonello rigward l-organizazzjoni ta' kors tal-Keep Fit. Huwa semma li għandna naraw li ma naħbtux ma' korsijiet oħra simili li qed jiġu organizzati fil-lokalita'.

11.3 Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jorganizza wkoll kors dwar l-użu tat-*tablet* lill-anzjani.

11.4 Il-Viċi Sindku propona sabiex jsir kors fil-first aid għall-pubbliku kif ukoll għall-ħaddiema tal-Kunsill u l-għaqdiet tal-lokal.

## 12.0 Partecipazzjoni fi programm Network of Towns

12.1 Is-Sindku rrefera għall-possibilita' li l-Kunsill tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali Għarb jipparteċipa fi proġett Network of Towns. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandu jissottometti applikazzjoni.

## 13.0 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017

13.1 Il-Kunsill iddiskuta l-estimi finanzjarji kif proposti mis-Segretarju Eżekuttiv. Sar qbil li għandhom jitnaqqsu l-Cultural/Social expenses u jiżdiedu l-ispejjes allokati bħala ħlas għall-periti u professjonisti peress li matul is-sena jistgħu jiżdiedu l-ħtiġijiet tagħhom.

13.2 Sar qbil li bħala proġetti kapitali jigu allokati €100,000 għar-Resurfacing ta' Triq Hamri u Triq iż-Żewwieqa, €35,000 għax-xiri ta' *electric minibus*, u €81,500 għall-proġett tat-Tarag, ta' Pjazza Tolfa u tal-Belvedere taż-Żewwieqa.

## 14.0 Proġetti

14.1 Is-Sindku rrefera għall-xi proġetti żgħar li jistgħu isiru flimkien mal-Ministeru għal Għawdex fosthom il-bini ta' ċint fi Triq ta' Lourdes. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jitlob lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jistax jgħin permezz ta' materjal jew anke bennejja.

14.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal-*shelter* tal-gwerra li hemm fi Triq l-Imġarr kantuniera ma' Tal-Fuli Kiosk. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex dwar jekk jistax jagħmel użu minnu u jibdlu f'attrazzjoni.

14.3 Saret referenza għall-ħdejn it-Triq ta' Belin Saliba peress li niżlet. Sar qbil li għandna nqabbdu perit u naraw x'jinħtieġ isir biex titranġa. Sar qbil ukoll li għandna nagħtu *facelift* lit-*traffic island* li hemm fil-viċin.

## 15.0 Attivita' Rumani f'Chambray

15.1 Is-Sindku rrefera' għall-organizazzjoni ta' attivita' tas-Suldati Rumani f'Chambray fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. Sar qbil li għandna nġibu stima kemm tiġina din l-attivita' u niddeċiedu dwarha.

## 16.0 Brochure/Informativ pack fuq Għajnsielem

16.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa li jsir xi l*eaflet/information pack* rigward Għajnsielem. Huwa espona żewġ tipi ta' *leaflets* ta' postijiet oħra li jservu ta' gwida għal min jiffrekwenta l-lokal u għal xi barranin li jżuru l-Kunsill tagħna. Sar qbil li għandna nitolbu stima u mmexxu dwarha.

## 17.0 *Information signs* fil-lokal

17.1 Sar qbil li għandna mmexxu fuq il-mappa li kien prepara Paul Stellini, inżidu xi nformazzjoni u nagħmlu xi pannella nformattiva.

17.2 Sar qbil li għandna nitolbu lill-Malta Tourism Authority biex jgħinu fil-printing tal-fuljett. Sar qbil li jkun jinkludi l-*landmarks* tal-lokal bħalma huma l-knejjes, pjazez, u kull post ieħor ta' nteress.

## 18.0 Inawgurazzjoni tal-Proġett tal-Frame.

18.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa tal-inawgurazzjoni tal-Proġett tal-Frame għax ilu lest u baqgħet ma saritx inawgurazzjoni tiegħu. Il-Kunsilliera Karen Xuereb staqsiet jekk il-permessi tal-MEPA kienux ħarġu u s-Sindku kkonferma. Is-Sindku propona li għandna ngħidu lill-Ministru għal Għawdex sabiex ikun hu li jinawgura dan il-proġett.

18.2 Sar qbil li għandna naraw meta jkun jista u norganizzaw din l-inawgurazzjoni.

## 19.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

19.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approvahom sabiex isir il-ħlas tagħhom.

## 20.0 Materji Oħra

20.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex mar-residenza ta' Vendra Xuereb fi Triq Cordina isiru bollards baxxi mal-kantuniera tal-bankina peress li jgħaddu minn fuqha t-trakkijiet. Sar qbil li dawn għandhom jiġu ordnati.

20.2 Il-Viċi Sindku talab sabiex fil-Belveder jitħawwlu *shrubs* li jkunu hemm is-sena kollha.

## 21.0 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**